**FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**IMHALLEF**

**ONOR. TONIO MALLIA LL.D.**

**Illum, il-Hamis, 30 ta'Mejju, 2002**

Citazzjoni Numru: **1365/93TM**

Numru**:**

**David Gatt**

vs

**Peter Calleja**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li biha l-attur ippremetta illi hu kien impjegat mas-socjeta' kummercjali Hotel Management Services Limited, u kien jahdem bhala *"Purchasing Clerk*" fil-Hotel Verdala,;

Ippremetta illi l-konvenut, fl-ezercizzju tal-kummerc tieghu, ghamel dikjarazzjoni bil-miktub lid-Diretturi ta' l-imsemmija Hotel Verdala, datata 20 ta' Settembru, 1991 (Dokument "A"), li permezz taghha ta malafama lill-attur billi attribwielu fatti determinati bi skop li joffendi l-unur u l-fama tieghu, ipoggih f'dell ikrah mad-Diretturi ta' l-istess

kumpanija li maghha l-attur kien impjegat u kkawzalu hsara konsiderevoli;

Jppremetta illi b'rizultat ta' l-istess rapport, l-attur gie mkecci mill-impjieg li kellu mal-kumpanija precitata;

Ippremetta illi l-istess rapport kien komplementament falz u ghalhekk l-attur tkecca ingustament mill-istess impjieg;

Ippremetta illi dan irrizulta anke quddiem it-Tribunal Industrijali, li bid-decizjoni tieghu tad-9 t'Awissu, 1993, numru 510, moghtija fil-kaz numru 638 fl-ismijiet "David Gatt vs Hotel Management Services Limited", iddecieda illi l-imsemmija kumpanija Hotel Management Services Limited, ma kenitx gustifikata li tkecci lill-attur, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ippremetta ili b'rizultat ta' l-imsemmija tkeccija ngusta, l-attur sofra diversi danni, kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, ghal liema danni jahti unikament il-konvenut;

Ippremetta illi l-konvenut ghalkemm interpellat b'ittra ufficjali tat-18 t'Ottubru, 1991 u b'ittra ufficjali ohra ta' l-10 ta' Settembru, 1993, biex jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni minnu kkagunati lill-attur, baqa' inadempjenti, anzi, permezz ta' ittra ufficjali ta' l-24 ta' Settembru, 1993, cahad kull responsabbilta' ghall-imsemmija danni.

Talbu biex ighid l-konvenut ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:

i) tiddikjara illi l-istess konvenut ta malafama lill-attur meta ghamel rapport falz dwaru, permezz tad-dikjarazzjoni minnu maghmulha fid-Dokument A, (kif sussegwentament konfermata quddiem it-Tribunal Industrijali);

ii) tiddikjara lill-istess konvenut responsabbli ghat-tkeccija mill-impjieg li sofra l-attur minn mas-socjeta' Hotel Management Services Limited, u ghad-danni kollha li huwa sofra b'konsegwenza ta' l-istess tkeccija;

iii) tillikwida d-danni sofferti mill-attur b'konsegwenza ta' l-imsemmija tkeccija mill-impjieg minn mal-Hotel Management Services Limited;

iv) tikkundanna l-konvenut ihallas lill-attur dik is-somma li tigi hekk likwidata, in linea ta' danni.

Bl-interessi kummercjali u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittiri ufficjali tat-18 t'Ottubru, 1991 u tal-10 ta' Settembru, 1993 kontra l-konvenut , minn issa ngunt biex jidher u ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-Eccezzjonijiet ta' Peter Calleja fejn eccepixxa:

i) Illi prelimarjament, din il-Qorti hija inkompetenti *ratione materiae* billi l-mertu tal-kawza – allegati danni minn malafama – hi certament mhux ta' indoli kummercjali.

ii) Illi fil-mertu, it-tkeccija ilmentata ma kienetx fl-operat tal-konvenut, u qatt – lanqas fl-ipotesi li id-dikjarazzjoni ilmentata kienet talvolta falza – ma jista' l-konvenut jinstab responsabbli ghall-akkaduta tkeccija, ghaliex din ma tistax tezula mir-rapport giuridiku bejn l-attur u l-kumpanija li kienet keccietu;

iii) Illi fi kwalunkwe kaz, id-dikjarazzjoni li kiem ghamel il-konvenut kienet vera;

iv) Salvi eccezzjonijiet ohrajn.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet u x-xhieda minnhom prodotti;

Rat in-Noti ta' l-Osservazzjonijiet skambjati bejn il-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza l-attur li kien jahdem bhala *purchasing clerk* fil-lukanda Verdala, gie mkecci mix-xoghol wara allegazzjoni li saret minn certu Peter Calleja li l-attur kien qed jipprova jikkorompieh. Peter Calleja kien jahdem fil-pitkali Ta' Qali, u l-attur kellu ordni mid-Diretturi tal-kumpanija li jmexxu l-lukanda biex jixtri l-frott u l-haxix minghand dan il-pitkal. Skond dan il-pitkal, il-konvenut Peter Calleja, darba minnhom, l-attur warrbu fil-genb u qallu: "Jiena nista' naghtik xoghol kemm trid, basta tahseb fija; kliem ma' hadd". Dan Peter Calleja ma accettax li jippartecipa f'dan it-tahwid, u irraporta d-diskors lill-wiehed mid-Diretturi tal-lukanda, s-Sur Joseph Abela. L-attur cahad li qal dan id-diskors, izda l-kumpanija iddecidiet li titterminalu l-impjieg. L-attur ha l-kaz quddiem it-Tribunal Industrijali li

sab li t-terminazzjoni ta' l-impjieg tieghu kien invalidu, u ordnat li l-attur jithallas LM2,000 kumpens. L-attur qed ghid li sofra danni ohra u qed jitlob dikjarazzjoni li responsabbli ghal dawn id-danni huwa l-konvenut.

Ikkunsidrat:

Illi, f'din il-kawza, dak li jrid jipprova l-attur huwa li dak id-diskors imputat lilu, fil-fatt, ma qalux u li l-konvenut "ivvinta" dak id-diskors bla ma qies il-konsegwenzi serji li r-rapport tieghu seta' jgib ghall-attur. Din mhux kawza ta' libell, izda kawza bazata fuq *quasi* delitt, tant li l-attur qed jibbaza l-kawza tieghu fuq il-provvediment ta' l-artikolu 1031 tal-Kodici Civili li jiddisponi li "kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu" (fol 195). Kwindi, ghandu jigi ppruvat ukoll li d-danni li sofra l-attur kien rizultat dirett ta' l-agir tal-konvenut; irid ikun hemm, kif ghidu l-attur, konnessjoni logika ta' kawza u effett bejn l-att u d-dannu.

Il-kumpanija li kienet timpjega lill-attur, il-Hotel Management Services Ltd; mhux parti f'din il-kawza u kwindi l-operat taghha ma jistax jigi investigat f'din il-kawza. Il-Qorti, pero', thoss li ghandha tirrimarka li, minn dak li irrizultalha fl-atti, din il-kumpanija ma agixxietx b'mod xieraq ma' l-attur: ma tatx lill-attur opportunita' adegwata biex jiddefendi lilu nnifsu, u ghalkemm kellha rapport mill-investigaturi privati imqabbda minnha li kien fin-negattiv, xorta hadet il-pass li tittermina l-impjieg ta' l-attur. It-Tribunal Industrijali, fil-fatt, iddecieda li l-kumpanija agixxiet hazin ma' l-attur u li t-tkeccija teighu kienet ingusta u, ghalhekk, ordnat l-ghoti tal-kumpens.

Id-domanda, pero', li tinteressa l-Qorti hija din: ghal dan kollu, il-konvenut ikkontribwixxa? Biex persuna tinstab responsabbli ghad-danni, mhux necessarju li l-agir taghha tkun l-unika kawza tad-danni reklamat; anke jekk, b''xi mod, ikkontribwiet bin-negligenza taghha ghall-hsara, ma tistax tahrab mir-responsabbilta' (ara Kollez. Vol. XXXIV.II.581). Kull persuna, ovvjament, trid twiegeb ghall-ghemil taghha, u mhux responsabbli ghall-agir negligenti u traskurat ta' haddiehor. Jekk il-konvenut, fi kliem iehor, agixxa *in buona fede*, mhux responsabbli jekk l-*employer* ta' l-attur agixxa bla kont u, forsi anke kapricciosament, u ittermina l-impjieg ta' l-attur. Anke jekk kellu jirrizulta li l-konvenut kien negligenti, "mhux bizzejjed li tigi konstatata l-htija, imma hu mehtieg ukoll li jigi stabbilit li dik il-htija kkagunat dannu attwali u valutabbli u pruvat b'mod cert " (Kollaz. Vol. XLVI.I.477; sottolinear ta' din il-Qorti). Kwindi, il-mod ta' kif agixxiet il-kumpanija ghandu certa rilevanza, ghalkemm mhux necessarjament jista' jkun bizzejjed biex twaqqa' in-ness ta' kawzalita' bejn l-agir tal-konvenut u r-rizultat ahhari. (Kollez. Vol. XL.II.815)

Jekk il-konvenut agixxiex *in buona fede* jew le mhux facli li wiehed jikkonkludi. L-attur jghid li ma qalx il-kliem imputat lilu; il-konvenut jinsisti li dawk il-kliem intqalulu. Il-piz tal-prova huwa fuq l-attur. Il-konvenut mhux obbligat jipprova li l-atturi qal dawk il-kliem, izda l-attur irid jipprova li ma qalhomx.

Din il-Qorti thoss li l-attur ma irnexxielux jipprova dak li kien mehtieg minnu. Veru li hu wera li hu kien meqjus bhala haddiem diligenti u li qatt ma kien hemm ilment fuq l-operat tieghu, u veru ukoll li hadd ma ikkorobora lill-konvenut, pero', il-piz tal-prova mhux fuq il-konvenut, izda fuq l-attur. L-attur irid jipprova li hu ma qalx dak id-diskors, u din

il-Qorti mhux konvinta dwar dan. Il-Qorti mhux qed tghid li l-attur qal dak id-diskors, izda li l-attur ma ippruvax li ma qalx dak id-diskors. Li ghandu jigi pruvat f'din il-kawza mhux li l-attur qal il-kliem in kwistjoni, izda li assolutament ma inghadux. Fi kliem iehor, il-Qorti mhux konvinta li l-attur ma setghax qal dak id-diskors, jew li ma kellux opportunita' jghidilhom, (fuq kollox, biex tghid diskors bhal dan kull ma trid hu ftit sekondi meta dawk li jkunu mieghek ikollhom mohhom band'ohra) u kwindi mhux konvinta li l-konvenut ghamel "rapport falz", kif qed tigi mitluba li tghid il-Qorti. L-attur jista jargumenta li hu ma setghax qal dak id-diskors ghax ma seta' jghamillu xejn lill-konvenut, ghax id-decisjoni li jitqabbad il-konvenut bhala *supplier* ittiehdet minn fuq. Apparti l-fatt li l-konvenut mhux necessarjament kien jaf b'dan, l-attur xorta kien f'pozizzjoni li, jekk irid,  jaqla' l-inkwiet ghall-konvenut, u kwidni ma jistax jigi eskluz li l-attur kellu x'jirbah b'dak id-diskors. Lanqas ma rrizulta pruvat il-motiv li l-attur attribwixxa lill-konvenut biex dan jara kif jehles minnu. Il-Qorti, terga' tenfasizza, mhux qed takkuza lill-attur bil-kliem adebbitat lilu, izda lanqas ma hi konvinta bl-akkuza li l-attur irid jixhed fuq il-konvenut. Kieku l-attur verament ipprova jikkorompi lill-konvenut, dan kien kollu ragun jirreferi l-materja lis-socjeta' Hotel Management Services Ltd li, fl-ahhar mill-ahhar, kienet qed thallas ghall-prodotti tieghu, u kwindi, ma jistax jinghad li, jekk intqal id-diskors, il-konvenut agixxa b'mod irresponsabbli. Hu fatt illecitu dak kollu li wiehed m'ghandux id-dritt li jaghmel u meta ingustament jilledi id-dritt ta' haddiehor. Darba li, fil-fehma ta' din il-Qorti, ma jirrizultax pruvat li l-kliem in kwistjoni zgur ma ntqalx, dak li ghamel il-konvenut ma jistax jitqies att illecitu.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti tiddeciedi l-kawza billi tichad it-talbiet ta’ l-attur bl-ispejjez kontra tieghu.

**IMHALLEF**

**D/REG**

/ja